# Il-Gvernatur ta' Għawdex għall-festa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ ta' mitejn sena ilu

**Joseph Bezzina**
Assistent Arkivist Nazzjonali

**IL-ĦADD, 21 TA' AWWISSU 1814 – MITEJN SENA ILU – SARET BĦAS-SOLTU L-FESTA SOLENNI TA' SANTA MARIJA FIŻ-ŻEBBUĠ. MINN TAGĦRIF MINN DOKUMENT MIŻMUM FIL-NAG, IS-SIGLA TAL-ARKIVJU NAZZJONALI, SEZZJONI TA' GĦAWDEX, NAFU LI DIK IS-SENA IL-GVERNATUR TA' GĦAWDEX TELA' R-RAĦAL GĦALL-FESTA.**

**1 • Twaqqif**

Il-**NAG** hu aktarx waħda mill-istituzzjonijiet l-inqas magħrufa tal-gżira ta' Għawdex. L-arkivju hu depożitu jew post fejn jinżammu dokumenti, ritratti, u materjal ieħor li ma għadux jintuża, iżda li jista' jkun ta' utilità 'l quddiem. Jissejjaħ nazzjonali meta jiġbor fih id-dokumenti tan-nazzjon, fil-każ tagħna d-dokumenti tal-Gvern ġewwa Għawdex. Dan iservi l-iktar għal dik li hi magħrufa bħala l-memorja kollettiva ta' pajjiż; l-istorja tal-pajjiż u tan-nies tiegħu.

L-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex twaqqaf minn Anton Tabone, l-ewwel Ministru għal Għawdex, fis-sena 1989. Ftit wara li laħaq Ministru f'Mejju 1987, hu kien bagħat għalija u talabni jekk nidħolx għal piż tat-twaqqif ta' arkivju nazzjonali għal Għawdex. Domt naħsibha, iżda fl-aħħar aċċettajt.

L-Arkivju Nazzjonali nfetaħ nhar l-24 ta' Novembru 1989 – jiġifieri ħamsa u għoxrin sena ilu – f'sala li nbniet apposta maġenb il-Librerija Pubblika ta' Għawdex fi Triq Vajringa, l-Belt Victoria. Dak iż-żmien l-arkivju kien jagħmel parti mid-Dipartiment tal-Libreriji u Arkivji. Eventwalment, fis-sena 2005, l-Arkivju kien separat minn dan id-Dipartiment u beda jopera għal rasu bħala aġenzija tal-Gvern.

Meta bdejt naħdem fl-Arkivju f'Awwissu 1989, bi tħejjija għall-ftuħ tiegħu, kien hemm sala vojta. Wara ħamsa u għoxrin sena, is-sala mhux biss intliet sa fuq nett, iżda kellha tinstab sala oħra bħala depożitu. Din tinsab fil-kumpless tal-iskola primarja tal-Għarb. Għandna fuq ħmistax-il elf bejn reġistri, dokumenti, u ħwejjeġ oħra.

**2 • L-iktar fond importanti u qadim**

L-eqdem fond tal-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dak tal-Universitas Gaudisii jiġifieri tal-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798). L-Università – kif kienet komunament magħrufa min-nies – twaqqfet lejn is-sena 1350 u baqgħet tiffunzjona sa tmiem is-sena 1818, meta l-Ingliżi qerduha għal kollox.

L-Università kienet tamministra l-gżira ta' Għawdex indipendentament minn Malta. It-taxxi li kienu jinġabru Għawdex kienu jibqgħu Għawdex u jintefqu Għawdex. L-infieq kien isir l-iktar fix-xiri ta' qamħ sussidjat minn Sqallija, biex il-ħobż ma jkunx għoli ħafna; fiż-żamma f'kundizzjoni tajba u t-tiswija tas-swar tal-Belt, illum magħrufa bħala ċ-Ċittadella; kif ukoll fid-Dejma, jew in-nies li kellhom iħarsu lill-gżira mill-pirati li bihom, dak iż-żmien, kien miżgħud il-baħar Mediterran.

L-Ingliżi ma ħamlux jaraw lil Għawdex b'amministrazzjoni separata minn Malta u sa mill-bidu tal-ħakma tagħhom Malta għamlu sforz wara l-ieħor biex jeqirdu darba għal dejjem din l-Università. Kien hemm ħafna x'wieħed jirranġa u jbiddel, iżda huma ma kinux interessati f'dan. Kellhom biss f'moħħhom li jissoppressaw darba għal dejjem il-ftit awtonomija li kellu Għawdex. Sabu ħafna reżistenza, iżda, fl-aħħar il-Gvernatur Sir Thomas Maitland, li mexxa b'mod dittatorjali u


@ 23. Agosto 1814 - pag. al suo Portiere Gio: Ma:
ria Calleja scudo uno per aver trasportato
lo Stato dell' Ill.mo Sig. Governatore nel Ca:
sale Zebbug in occasione della sollennità del
Titolare di d.o Casale per

Il-mandat fejn jissemma l-ħlas imsemmi (NAG, *Mandati* 13 (1801-1818) 231v)

despotiku, irnexxielu. U, bla kliem u bla sliem, nhar il-31 ta' Diċembru 1818, hu ddikjara s-soppressjoni tal-Università li kienet ilha tiffunzjoni 468 sena.

L-Università kellha arkivju għaż-żamma tad-dokumenti tagħha. Dawk l-iktar qodma nqerdu fl-attakk tal-Misilmin fuq Għawdex fis-sena 1551. Id-dokumenti jibdew fis-sena 1560 u huma maqsuma f'diversi sezzjonijiet. Waħda minnhom hi dik tal-Mandati, jew ta' ordnijiet maħruġa mill-Università jum wara l-ieħor għal mitt ħaġa. Hu proprju fit-tlettax-il reġistru tal-*Mandati* – li jiġbor fih l-ordnijiet bejn is-snin 1801 u 1818 li nsibu nota nteressanti ħafna fuq iż-Żebbuġ, nota li sal-lum ebda riċerkatur Żebbuġi għadu qatt ma ppubblika.

**3 • Il-Gvernatur għall-festa ta' Santa Marija**

Nagħti traskrizzjoni eżatta ta' din in-nota interessanti li tinstab reġistrata taħt it-23 ta' Awwissu 1814 – nota li jfisser li tirreferi għal dak li ġara fiż-Żebbuġ-Għawdex sewwa sew mitejn sena ilu. Ir-riferenza eżatta għaliha hi NAG, *Mandati* 13 (1801-1818) 231v.

Dan hu x'tgħid in-nota:
*23 agosto 1814. Pagati al nostro portieri Gio Maria Calleja Scudo uno, per aver portato lo strato dell'Illustrissimo Signor Governatore nel Casale Zebbuc in occasione della sollennità del Titolare di detto Casale, sive Sc 1.*

Bil-Malti:
*23 ta' Awwissu 1814. Imħallsa lil Ġamri Calleja, il-messaġier tagħna, skut wieħed, u dan talli ħa s-suġġetta tal-Illustrissimu Sinjur Gvernatur fir-raħal taż-Żebbuġ fl-okkażjoni tas-Solennità tal-Festa Titulari ta' dak ir-raħal, jiġifieri Skut 1.*

*Strato*, mill-Isqalli-Taljan, tfisser *tappeto o drappo che si stende in terra in segno d'onore*, jiġifieri tapit li jiġi mifrux fl-art bħala sinjal ta' unur lil xi ħadd. F'xi lokalitajiet Sqallin tirreferi b'mod speċiku għat-*tappeti delle chiese*, t-tapiti li jiġu mifruxa fil-knejjes. Iżda, fl-antik kienet tfisser ukoll: *il mobile de' seggi ordine augusto Sovra i tiepidi sive in cerchio volge* (Parini); jiġifieri suġġetta.


Suġġetta ta' madwar mitejn sena ilu

Dan hu maqgħad mgħotti u li jinġar fuq strippi minn tnejn min-nies. Kien jintuża l-iktar min-nobbiltà. Bl-Ingliż jingħad *sedan chair*.

L-Università għamlet ħlas ta' skut lill-Ġamri Calleja talli ħa s-suġġetta tal-Gvernatur iż-Żebbuġ għall-festa. Skut fi flus tal-lum jiġu 19-il ċenteżmu tal-Ewro, iżda dak iż-żmien kienet somma tajba.

Il-Gvernatur ta' Għawdex li tela' ż-Żebbuġ għall-festa kien Filippo Castagna. Dan intgħażel bħala gvernatur mill-Ingliżi fid-19 ta' Ottubru 1802. Il-Ħadd, 21 ta' Awwissu 1814 – mitejn sena ilu – hu tela' għall-festa ta' Santa Marija ż-Żebbuġ. Aktarx li assista għall-quddiesa kantata ta' nhar il-festa. Hu possibli li fir-reġistru tal-ispejjeż tal-festa tal-Parroċċa taż-Żebbuġ hemm xi ħjiel fuq dan. Ħasra li qatt ħadd ma għamel studju fuqhom. Castagna miet Għawdex ftit ġimgħat wara, nhar il-15 ta' Ottubru 1814.


Il-Gvernatur Filippo Castagna (1802-1814)

**4 • Konklużjoni**

Din ma kinitx l-unika darba li l-Gvernatur ta' Għawdex tela' għall-festa ta' Santa Marija kif jixhdu dokumenti oħra. Dan ifisser li l-festa taż-Żebbuġ kienet tiġi ċċelebrata bil-kbir anki mitejn sena ilu.